

**PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8338 — Apax Partners/Unilabs)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 5/03)

1. Fit-22 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-fondi mmexxi ja minn Apax Partners LLP ("AP", ir-Renju Unit) indirettament jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Unilabs Holding AB ("Unilabs", l-Isvezja) permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija azzjonarja tagħha.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- AP hija konsulent għal fondi ta' ekwità privata li tinvesti ffirxa ta' setturi industrijali bħal fis-settur tat-teknoloġija u t-telekomunikazzjoni, is-settur tas-servizzi, is-settur tal-kura tas-sahħha u s-settur tal-konsumatur.
- Unilabs hija fornitur ta' servizzi dijanjiċi, attiva fil-forniment ta' servizzi ta' t-testjar bijomediċi, servizzi ta' immaġni mediċi, servizzi ta' mediċina riproduttiva u servizzi ta' żvilupp ta' drogi f'numru ta' pajjiżi Ewropej.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8338 — Apax Partners/Unilabs, f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

^(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.